MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2008

Avviz Numru. 257/2005

**Mark Anthony Bonnici (ID 68380M)**

**Vs**

**Peter Galea**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jkun ikkundannat li prevja d-dikjarazzjoni li bix-xandir ta' *postings* fuq l-internet fix-xahar ta' Mejju 2004, partikolarment dawk intitolati "dejjem b'xi duda fit-team" tal-14 ta' Mejju 2004 u "Re:ISTHU" tas-16 ta' Mejju, 2004, liema postings kienu intizi li jtellfu jew inaqqsu ir-reputazzjoni ta' l-attur, jigi dikjarat li l-konvenut ikkawza malafama fil-konfront ta' l-istess attur; u ghalhekk il-konvenut jigi ordnat minn din l-Onorabbli Qorti li jhallas lill-attur dak l-ammont li ma jeccedix il-hamest elef lira, bhala kumpens li jigi stabbilit minn din l-istess Qorti a

tenur ta' l-Aritkolu 28(1) tal-Ligi Dwar l-Istampa, Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez, konkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-21 ta' Gunju 2004 u l-ittra ufficjali tad-19 ta' Lulju 2004, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra kif ukoll d-dokumenti annessi mal-istess avviz a fol 2 sa fol 3 tal-istess atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 8 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:

1. Fl-ewwel lok, illi l-attur mhux identifikat jew identifkabbli.
2. Fit-tieni lok, illi l-pubblikazjoni giet irtirata b'apologija minnufih wara.
3. Minghajr pregudizzju ghal premess, illi l-kitba tammonta ghall-"fair comment".

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat

Illi, fil-kaz in desamina l-attur (fol 12 et seq ibid) qed jghid illi l-"posting" a fol 2 tal-atti u intestat "dejjem b'xi duda fit-team" u maghmul u miktub mill-konvenut hu malafamanti u libelluz fil-konfront tieghu. Fl-istess "posting" publikat fuq il-"forum" ta' "Birkirkara FC" fl-14 ta' April 2004, jinghad illi "Meta bniedem tkecca mix-xoghol ghax kien ibabas u jhawwad , baqa' qatt ma jrid jahdem kapricci u lussu mill-aqwa, "sports car" u x'naf jien, tfajliet u nisa". Fl-istess "posting" jigi allegat illi dan l-player apposta laghab hazin f'certi loghbiet, donnu, kif jinghad fil-lingwagg lokali, kien mixtri. Certament dan il-kliem uzat, kif ukoll dak li qed jallegaw huma altament malfamanti u libelluz, u dwar dan ma ghandu jissusisti l-ebda dubbju.

Ikkunsidrat

Illi, pero, il-konvenut (fol 29 u fol 37 et seq ibid) sostna mill-bidu nett, illi l-istess posting "… bl-ebda mod ma ktibu dwar l-attur Mark Anthony Bonnici".

Ikkunsidrat

Illi, filfatt, dejjem fl-istess "posting" u f'dak sussegwenti a fol 3 ibid il-persuna li lilha jirreferi ghaliha il-konvenut, ma hiex imsemmija bl-ebda mod kull ma hemm fihom, huma certi dettalji ossija indizji li a bazi taghhom l-attur jghid illi l-kliem malfamanti qed jirreferi ghalih. Difatti fit-tieni "posting", li sar mill-istess konvenut fis-16 ta' Mejju 2004 jinghad illi "… dan il-bniedem tkecca mix-xoghol ghax inqabad ibabas barra li jigi bl-'isports car' …. Inoltre jinghad illi f'xi loghba "… l-coach qalaw il-barra l-ewwel wiehed". "L-attur fix-xhieda tieghu jghid illi kien sar jaf b'dawn il-'postings' permezz ta' telefonata. Inoltre, meta kien mar jattendi ghal "training" … kullhadd jaqbad mieghu …" u "… kellimni l-istess coach li mmarkali li l-affarijiet hemm indikati ma humiex affarijiet sbih u ta' fiducja". L-attur jkompli jghid illi hu jsostni illi l-istess "postings" jirreferi ghalih ghax hu kien l-uniku "player" ta' "Birkirkara F.C." illi, matul is-sena' in kwistjoni kellu karozza sportiva mikxufa u ghax kien gie sostitwit waqt il-loghba imsemmija fit-tielet (3) paragrafu. Dwar dan hu jghid "Jiena ghab-bazi ta' dawn iz-zewg (2) punti, kien bizzejjed ghalija sabiex nghid li din ir-"write up" kienet tirreferi ghalija". Inoltre, oltre dak li ghadu kemm intqal, u b'referenza ghat-tieni (2) posting, hu zied " Fhimt li dan ghalija, ghax jiena kont ghadni kemm gejt mit-team ta' Tas-Sliema bi tpartit.

Ikkunsidrat

Illi, in sostenn ta' dak li ssottometta fl-ewwel (1) eccezzjoni tieghu, l-konvenut beda biex jghid, illi konrarjament ghal dak li xehed l-attur illi hu kien posizzjonat fil-"midfield", l-attur kien effettivament, jilghab fid-difisa bhala terzin (ara fol 41 ibid). Hu kompla jghid illi, meta ghamel il-"postings", hu ma kienx irrefera ghal xi loghba partikolari, presumilment meta kien semma s-sostituzzjoni ta' "player" u kien hemm "players" ohrajn bi "sport car" kif deskritta fix-

xhieda tieghu, u dwar dan hu ghamel referenza ghal "player" partikolari liema fatt, pero', kien gie kontestat mill-attur. Wara hu irrefera ghal "apologija" li saret minnu w imsemmija fix-xhieda ta' John Borg (fol 24 et seq ibid). Dwar dan il-punt (ara ukoll fol 47 ibid). Il-konvenut ghid illi din kien ghamilha wara li kien avvicinah John Borg, il-"coach", "sabiex ma naqlax inkwiet". Inoltre, kieku kien gie avvicinat mill-attur, kien "nispjegalu kollox". Difatti l-konvenut testwalment qal ukoll "Dan (John Borg) rega' kelimni bit-tajjeb, fis-sens li kien xtaq skuza. Jiena ghedtlu li ma ridtx ghadu ridt il-gid tat-team u ghalhekk ghamel l-"apologija" imsemmija ossija "disdetta" … "sabiex naqtaghha".

Ikkunsidrat

Illi dawn, sostanzjalment, huma l-provi in esami u, a bazi taghhom ser tigi konsiderata l-ewwel nett, l-ewwel (1) eccezzjoni kif sottomessa mill-konvenut. Dan jsostni illil-attur ma' giex identifikat minnu fl-istess "postings" u lanqas ma hu "identifikabbli".

Illi ma hemm ebda dubbju illi l-konvenut, fl-ebda parti tal-istess "postings" ma semma', b'ismu lill-attur. Difatti, l-attur, permezz ta' dak li ntqal lilu minn terzi persuni, kien wasal ghal konkluzjoni illi l-"player" li ghalih hemm referenza fl-istess "postings" kien hu.

Illi, pero, minn analisi taghhom abbinata mal-provi prodotti, tali konkluzjoni saret a bazi ta' sempliciment indizji, kif di gja, ntqal u din il-Qorti ma tarax li a bazi taghhom biss, bniedem ordinarju u normali, anke fl-ambjent kalcistiku in generali, seta' jasal ghall-konkluzjoni illi l-konvenut kien qed jirreferi, b'mod specifiku ghall-attur. Dan abbinat mal-fatt, illi l-konvenut cahad kemm il-darba illi kien qed jirreferi ghall-attur, b'mod partikolari.

Illi, ghalhekk, hi l-fehma ta' din il-Qorti illi, fuq bazi ta' probabilta', il-konvenut seta' kien qed jirreferi ghal "player" iehor.

Illi, konsegwentement, it-talbiet in esami ghandhom jigu michuda peress li qed tigi milqugha l-ewwel (1) eccezzjoni sottomessa mill-konvenut u ma hemmx il-htiega li jigu konsiderati l-eccezzjonijiet rimanenti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad it-talbiet attrici waqt li in rigward l-ispejjes, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, dawn ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------